MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2012

Numru 37/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**vs.**

**Tadesse Berhe Iyassu**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Tadesse Berhe Iyassu ta’ 30 sena ta’ nazzjonalita Eritrejana mwieled Sudan fl-1 ta’ Jannar 1982 iben Berhe u Taqbe, numru moghti mill-pulizija 05KK-007 u karta ta’ l-identita Maltija bin-numru 0037068 A.

Akkuzati talli f’data bejn Lulju u Awissu 2011 bhala persuna illi mbarka jew zbarka minn jew go Malta, naqas illi jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-

informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg ai termini ta’ l-Artiklu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni moghti mill-Avukat Generali skond l-Artikolu 370 (4) tal-Kapitolu 9, biex dan il-kaz jinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenti legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 28 u 32(g) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputati hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, tikkundannah ghal piena ta’ sitt xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------